MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2002

Rikors Numru. 55/2002/1

**Johnny J. Company Limited**

**Vs**

**Carmel sive Charles Falzon f'ismu propju u ghan-nom tas-Socjeta' Marketing International Limited**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi s-socjeta' esponenti hija l-propjetarja tal-fond sotre maghruf bhala SGS, F'Reservoir Street, San Gwann;

Illi s-socjeta esponenti tikri lill-intimati l-fuq imsemmi fond, versu l-kera ta' tlett elef, tmien mija u hamsin lira Maltin (LM3,850) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem u l-kera prezenti taghlaq fit-30 ta' Gunju 2002;

Illi l-intimati naqsu li jhallsu l-kera minnhom dovuta kif fuq imsemmi allavolja kemm il-darba gew interpellati sabiex

jaghmlu dan, tant illi huma debituri tas-socjeta esponenti ghal eluf kbar ta' liri u s-socjeta rikorrenti sahansitra waslet biex tipprezenta citazzjoni ghall-arretrati tal-kera u krediti ohra u xorta wahda l-intimati, sallum, ghadhom ma hallsux;

Illi f'Jannar ta' din is-sena, John Micallef, ghand-nom tas-socjeta esponenti, personalment wassal ittra lill-intimati fejn gew interpellati sabiex ihallsu l-arretrati ta' kera minnhom dovuti izda huma xorta wahda baqghu inadempjenti;

Illi a tenur ta' l-artikolu 9(a) tal-Kap 69 l-esponenti ghandha d-dritt tirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord jogghbu in vistatac-cirkostanzi fuq premessi, jawtroizzah jirriprendi l-pussess tal-fond store maghruf bhala SGS, f'Reservoir Street, San Gwann u konsegwentament jordna l-izgumbrament ta' l-intimati mill-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat;

Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta ta' llum deher rapprezentat tas-socjeta' rikorrenti assistit mill-avukat tieghu.

Ra li l-intimat ma deherx u lanqas ressaq risposta fir-Registru.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u jawtorizzaha terga tiehu f'idejha l-fond/store maghruf bhala SGS, f'Reservior Street, San Gwann; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat Carmel sive Charles Falzon fil-kwalita' tieghu premessa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------